MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Kongunt Numru. 460/2012

**AB**
**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie guramentat mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Awissu 1975;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom jghixu separati minn xulxin ghal ferm aktar minn erba' snin fl-ahhar hames snin li ghaddew;

Illi huma ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-6 ta' Lulju 2000;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda hlas ta' manteniment dovut minn parti lil ohra u lanqas ma hemm l-ebda manteniment x'jithallas ghat-tifla illi illum il-gurnata saret maggorrenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------